# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI PRELIMINARJA 2407

Każ Nru 3376/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Vincent Camilleri

u

SS Lifts Limited

*dwar: tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

**Chairman: Franco Masini**

Fl-ewwel seduta ta' dan il-Kaz fit-23 ta' Settembru 2015 l-Avukat Simon Galea Testaferrata f'isem is-Soċjetà Intimata ikkonferma li kien qed jissoleva żewġ eċċezzjonijiet dwar nullita tat-talba tar-Rikorrent.

Dawn kienu (1) nuqqas da parti tar-Rikorrent li jissottometti dikjarazzjoni bil-miktub hekk kif ippreżenta biss rikors u dan bi ksur tal-artikolu 75(2) u (3) tal-Kap 452, u (2) Il-fatt li l-każ ma kienx inqata' fi żmien xahar mid-data ta'meta l-kwistjoni kienet intbagħatet, skond l-artikolu 78(1) tal-Kap 452.

It-Tribunal sama' t-trattazzjoni tal-partijiet dwar dawn l-eċċezzjonijiet.

Għal dik li hi l-ewwel eċċezzjoni t-Tribunal eżamina bir-reqqa r-Rikors promotur tar-Rikorrent ippreżentat fir-Registru fit-8 ta' Ġunju 2015. F'dan ir-Rikors hemm imniżżel dikjarazzjoni tal-fatti tal-każ. Għaldaqstant kuntrajament għal dak li qed jallega l-Intimat ma kienx hemm nuqqas minn dak li jesiġi l-artikolu 75(3) tal-Kap 452. Fil-fehma tat-Tribunal dak li hemm miktub fir-Rikors promotorju jissodisfa l-liġi u mhux neċessarju li dan kellu jkun akkumpanjat minn *statement of case*. Fil-fatt fuq talba tas-Segretarjat tat-Tribunal ir-Rikorrent issottometta dan li-*statement* kif mitlub ai termini tar-Regolamenti dwar il-Proċedura tat-Tribunal Industrijali (L.S.452.18 art 5).

It-Tribunal Industrijali għalhekk jiċħad din it-talba.

Rigward it-tieni eċċezzjoni l-artikolu 78(1) jipprovdi li ċ-*Chairman* għandu d-dritt li ż-żmien ta' xahar imsemmi fl-istess artikolu jiġi estiż għal raġuni valida li tkun imsemmija u reġistrata fl-atti tat-Tribunal. Fil-każ in eżami bħal fil-każi kollha li huma preżentati fit-Tribunal ma hux possibbli li dan jinstama' u jinqata' fi żmien xahar. Ir-raġuni għal dan tiġi reġistrata fis-sentenza finali. It-Tribunal mhux tenut li ma jibdiex il-każ jew addirittura jiddikjarah null minħabba l-fatt li f'dan l-istadju ikun iddekorra ż-żmien imsemmi fl-istess artikolu u ċ-*Chairman* ikun għadu ma rreġistrax ir-raġunijiet tiegħu kif jitlob l-istess artikolu tal-Kap 452.

It-Tribunal Industrijali għalhekk jiċħad din it-talba.

Għaldaqstant it-Tribunal jordna il-prosegwiment tas-smiegħ tal-każ bl-ewwel seduta tkun għal provi tal-Intimat. Il-każ huwa għalhekk differit għal nhar l-Erbgħa 28 ta' Ottubru 2015 fis-2.00pm.

Illum 30 ta' Settembru 2015

ft/Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja